# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tal-lum il-Gimgħa 3 ta' Novembru, 2023

**Rikors Ġuramentat Nru.: 764/21 MH**

**Numru : 1**

**Lorraine Falzon, Matthew Pace u Zenith Finance Limited**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-Korp għall Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja tal-20 ta' Lulju 2023**[1] u r-**rikors tal-intimati ukoll tal-20 ta' Lulju 2023**[2] permezz ta' liema qed jintalab sabiex il-Qorti tiddekreta r-rikorsi tat-22 t'April 2022 u tal-20 ta' Mejju 2022 u sussegwentement tirrevoka *contrario imperio* l-ordnijiet tagħha tal-31 ta' Mejju 2023 u tal-10 ta' Lulju 2023 sabiex jitla bħala xhud rappreżentant tal-FIAU għall-konferma tal-awtentiċita'/veraċita tad-dokumenti LF1 sa LF 11.

[1] Fol 829 et seq
[2] Fol 831 et seq

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dawn it-talbiet.

Rat li dawn ir-rikorsi ġew differiti għall-lum għall-provvediment.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-fatt li llum stess il-Qorti ddekretat ir-rikorsi tat-22 t'April 2022 u tal-20 ta' Mejju 2022 il-Qorti tiddisponi miż-żewġ rikorsi tal-20 ta' Lulju 2023 billi-

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba biex tiddeketa l-imsemmija rikorsi tal-2022;**
2. **Tiċħad il-bqija tat-talbiet u żżomm ferm l-ordni tagħha tal-31 ta' Mejju 2023 u tal-10 ta' Lulju 2023 sabiex jittella jixhed rappreżentant tal-FIAU limitatament sabiex jikkonferma l-awtentiċita'/veraċita' tad-dokumenti li m'ordnatx l-isfilz tagħhom fid-digriet tal-20 ta' Mejju 2022.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**